MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 300/2006/1

**Martin u Pauline Gauci**

**vs**

**K. M. L. Manufacturing Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Frar, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikorsipprezentat fis-6 ta' Ottubru 2006 fejn l-atturi talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) rapprezentanti rifuzjoni tal-prezz ta' aperturi ta' l-aluminium illi gew provduti u imwahhla mis-socjeta' konvenuta fil-proprjeta' ta' l-atturi fiz-Zebbiegh limiti ta' l-Imgarr u dana stante

illi l-imsemmija aperturi ma kienux ta' kwalita' tajba u skond dik pattwita.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-19 ta' Settembru 2005, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi, fl-ewwel lok, il-vertenza mqanqla permezz tar-rikors odjern diga giet deciza mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fit-30 ta' Mejju 2006, u konsegwentement hija "res judicata";
2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' K.M.L. Manufacturing Limited ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
3. Illi, wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, it-talba attrici hija nsostenibbli.

Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2007, fejn is-socjeta' konvenuta rrinunzjat u rtirat it-tieni eccezzjoni taghha;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi f'din l-eccezzjoni is-socjeta' konvenuta qeda tqajjem ostakolu ghall-azzjoni attrici peress illi l-meritu diga gie deciz mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fit-30 ta' Mejju 2006.

Irrizulta illi huwa minnu li nghatat decizjoni fid-data fuq imsemmija, pero' din id-darba ma kinitx kontra K.M.L. Manufacturing Limited, izda kontra azjenda bl-isem ta' Kargo Aluminium.

Irrizulta mill-provi illi Kargo Aluminium huwa l-isem tan-negozju ta' Mario Bezzina, direttur tas-socjeta' konvenuta, liema socjeta' giet ikkrejata ghall-fini ta' *accountancy* sabiex l-introjtu tas-socjeta' Kargo Aluminium jigu regolarizzati permezz tas-socjeta' konvenuta. Spjega illi l-introjtu kollu tas-socjeta' Kargo Aluminium jigi imqieghed fis-socjeta' K.M.L. Manufacturing Limited, li tiehu hsieb l-*accountancy* u l-kotba kollha ta' l-istess kumpanija u tas-socjeta' Kargo Aluminium.

Mario Bezzina huwa l-proprjetarju taz-zewg entitajiet, wahda effittament tipproduci x-xoghol u l-ohra tipprocessa d-dokumenti u l-*accounts* ta' dak ix-xoghol.

Ghalhekk, tqum il-kwistjoni jekk ghandhomx jitqiesu bhala l-istess partijiet f'din il-kawza bhal dawk illi kien hemm fil-kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur.

Fil-kawza riporatata fil-Vol.XXXVIII P.1 p 51 inghad, "Biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg il-konkors ta' tlett elementi, jew l-istess persuni, l-istess oggett u l-istess kawzali; jigifieri, is-sentenza ta' qabel kienet giet maqtughha f'kawza bejn l-sitess persuni, fuq l-istess oggett u ghal l-istess kawzali ("eadem persone, eadem res, eadem causa petendi") bhal fil-kawza l-gdida … "

Ma hemmx dubju illi din il-kawza ghandha l-istess meritu, u l-istess kawzali bhal dik deciza mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur. Pero' "prima faciae" jidher illi hemm persuni differenti. Dik quddiem it-Tribunal giet deciza kontra azjenda kummercjali jew *trade name*, waqt li din il-kawza hija kontra socjeta' ta' responsabilita' limitata

b'gurisdizzjoni guridika awtonoma u separata u distinta minn azjendi ohra jew minn persuni li jkunu ffurmawha.

Ghalhekk, legalment is-socjeta' konvenuta hija distinta mis-socjeta' Kargo Aluminium, ghad illi hemm konnessjoni fil-qrib hafna. Il-Qorti issa trid tindaga jekk issa din il-konnessjoni twassalx ghall-kriterju "eadem persone" kif spjegat fis-sentenza fuq imsemmija.

Ikkunsidrat:

Meta l-atturi ressqu r-rikors taghhom quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, presumbilment ma kienux jafu bl-esistenza tas-socjeta' konvenuta u gustament ressquha kontra l-azjenda li kkunntrattaw maghha u cioe' Kargo Aluminium. Din, minn naha taghha, accettat li toqghod ghall-gudizzju u ma qajjmet l-ebda ostakolu tekniku ghar-rikors ta' l-atturi, fis-sens illi ma kinitx hi li kkuntrattat maghhom izda socjeta' ohra u inghatat sentenza favur l-atturi kontra s-socjeta' Kargo Aluminium, li ghandha assi bizzejjed registrati f'isimha f'depoziti bankarji biex tissodisfa d-decizjoni tat-Tribunal. Il-Qorti jidhrilha li xi jsir bejn is-socjeta' Kargo Aluminium u s-socjeta' konvenuta K.M.L. Manufacturing Limited hija kwistjoni nterna li ma taffettwax id-drittijiet ta' l-atturi illi jiehdu sodisfazzjon skond id-decizjoni tat-Tribunal li hija decizjoni ezekuttiva legalment esegwibbli mill-Qorti tal-Magistrati. Il-prezenza is-socjeta' K.M.L. Manufacturing Limited mhijiex necessarja ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni bejn l-attur u s-socjeta' Kargo Aluminium. Veru, illi fl-ahhar mill-ahhar hija is-socjeta' K.M.L. Manufacturing Limited li ser thallas skond kif spjega d-direttur Mario Bezzina. Pero' din ma taffettwax id-drittijiet ta' l-atturi, liema drittijiet gew pjenament sodisfatti bid-decizjoni tat- Tribunal fuq imsemmi.

Fil-kawza moghtija fil-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Lulju 1996, fl-ismijiet Igino Trapani Galea Ferol et vs Jane mart Jimmy Agius et, intqal illi ma kienx legali ghall-atturi illi jintavolaw proceduri separati fuq kaz identiku gia legalment deciz u determinat b'sentenza ohra semplicement illi jipprezentaw it-tieni azzjoni taghhom b'persuna differenti liema prezenza ma kinitx strettament necessarja. Dan huwa ezattament dak illi gara f'dan il-kaz, l-atturi diga ottjenew sentenza favur taghhom, liema sentenza hija legalment esegwibbli u ma jistghux issa jipprezentaw kawza ohra kontra socjeta' ta' responsabilita' limitata, liema socjeta' ma kellhiex ghalfejn tkun rapprezentata fil-proceduri quddiem it-Tribunal.

Il-Qorti ma tistax tippermetti sitwazzjoni ta' *forum shopping* fejn persuni jadixxu certa Qorti u mbaghad ghax jidhrilhom illi ma hadux sodisfazzjon bizzejjed, jadixxu Qorti ohra ghall-istess haga sabiex forsi din id-darba johorgu aktar kuntenti. Dan huwa proprju dak illi gara f'dan il-kaz.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi t-tliet kriterji tar-*res judicata* huma sodisfatti. Il-kwistjoni bejn il-partijiet giet legalment deciza bis-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur bid-decizjoni taghha tat-30 ta' Mejju 2006, u ma jistghux issa jadixxu din il-Qorti ghall-istess haga.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tiddikjara l-azzjoni gia legalment deciza u determinata u konsegwentement tichad it-talba ta' l-atturi.

Bl-ispejjez kontra taghhom."

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi bl-aggravju uniku illi l-ewwel Qorti kienet guridikament zbaljata meta akkoljiet l-eccezzjoni tar-*res judicata* sottomessa mis-socjeta` konvenuta. Koncizament, huma jissottomettu illi dik l-eccezzjoni ma kienetx attendibbli ghaliex kien jonqos l-identita` tal-persuna mharrka fil-kawza prezenti u fil-kawza precedenti fejn inghatat is-sentenza mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi;

Huwa konkordi f' materja ta' procedimenti civili illi ghalbiex il-gudikat format f' gudizzju precedenti ikun assikurat jehtieg li jigu sodisfatti dawn ir-rekwiziti oggettivi:-

(i) *eadem res*, ossija l-identita ta' l-oggett tal-gudizzju;

(ii) *eadem causa petendi*, ossija l-fatt guridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat;

(iii) *eadem personae*, jigifieri, li l-gudizzju jkun bejn l-istess partijiet u fl-istess kwalita. Dan fuq l-istregwa tal-provvediment tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ex-Artikolu 237 li jiddisponi illi "s-sentenza ma tista' qatt tkun ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b' dik is-sentenza";

Ghall-ahjar esposizzjoni in tema ghal dawn l-elementi ara, fost ohrajn, is-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Civili, tal-15 ta' Novembru 1965 in re: "**Caterina Farrugia *et nomine* -vs- Alfred Delia *nomine et***";

Jidderivi ghaldaqstant minn dawn l-istess elementi illi meta zewg gudizzji bejn l-istess partijiet ghandhom b' oggett l-istess rapport jew negozju guridiku, ir-rizoluzzjoni tal-kwestjoni ta' fatt jew ta' dritt kostitwenti l-premessa guridika tad-decizjoni ta' wahda minnhom tipprekludi r-ri-ezami fil-process l-iehor ta' l-istess punt accertat jew rizolut. Evidentement, il-principju jopera biss fir-rigward

ta' zewg gudizzji li ghandhom ko-incidenza ta' oggett bejn l-istess persuni. Dikjaratament, il-kwestjoni hawn kontroversa tirrigwarda eskluzivament l-indagini jekk fil-kaz prezenti hemmx il-presenza ta' l-istess persuni jew kollitigandi;

Jinghad dottrinalment illi "*il giudicato è legge fra i contendenti come fra contraenti la convenzione bilaterale; tutto il resto del mondo vi è estraneo, non formando questo rapporto giuridico che un 'jus singolare' fra determinate persone.*" (**Borsari**, "**Commentario del Codice Civile Italiano**", Vol. Terzo, Parte Seconda, para. 3325). Ta' l-istess fehma huwa l-**Baudry-Lacantinerie** ("**Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile**" - "**Delle Obbligazioni**", Vol. IV para 2686) "*L' autorita` della cosa giudicata è dunque affatto relativa e sotto questo punto di vista essa si avvicina alle convenzioni. Gli effetti della sentenza sono limitati alle parti in causa, come gli effetti delle convenzioni si limitano alle parti contraenti. 'Res inter alios acta vel iudicata aliis nec nocere nec prodesse potest'.*";

Issa l-ewwel Qorti, filwaqt li rrikonoxxiet id-distinzjoni legali li certament tezisti bejn id-ditta mharrka fil-gudikat tat-Tribunal u dik citata fl-odjerna kawza, ghaddiet biex tiddetermina, in bazi ghad-decizjoni "**Igino Trapani Galea Feriol *et* -vs- Jane Agius *et***", minnha riferenzjata fis-sentenza appellata, illi t-tahrika tas-socjeta` konvenuta, distinta minn dik l-ohra, ma kienetx strettament necessarja ghaliex il-kwestjoni kienet wahda limitata bejn l-atturi u d-ditta Kargo Aluminium u fir-rigward l-atturi gja ottenew gudikat favorevoli ghalihom bl-effetti ezekuttivi tieghu;

Ma' dan din il-Qorti, rispettosament ma taqbelx. L-ewwelnett, ghaliex, kif ritenut, "tidher aktar sana u accettabbli dik id-dottrina li ssegwi strettament ir-regola illi s-sentenza, meta tghaddi gudikat, hija ostativa ghal dawk li personalment, jew permezz ta' l-awturi taghhom jew ta' rapprezentant legittimu taghhom, hadu parti fil-process li

ta lok ghal dik is-sentenza.” (Ara “**Joseph Spiteri *proprio et nomine* -vs- Edoardo Busuttil *et***”, Prim' Awla, Qorti Civili, 23 ta’ Mejju 1944 per Imhallef W. Harding). Fit-tieni lok, ghaliex ma jidherx li fil-kaz in ezami jezisti dak l-espedjent ghal liema irrikorrew is-sidien tar-raba’ fil-kawza “**Trapani Galea Feriol *et* -vs- Agius *et***”, bl-addizzjoni fit-tieni kawza proposta fuq l-istess oggett ta’ Antoine Bianchi, ir-ragel ta’ wahda mir-rikorrenti. Decizjoni din ben nota ghall-Imhallef sedenti li fiha meta kien fil-professjoni kien jippatrocina lir-rikorrenti fl-istadju ta’ l-appell. Fit-tielet lok, imbaghad, ankorke l-kumpanija konvenuta u d-ditta ghandhom konnessjoni fil-qrib, ma jistghux lanqas jitqiesu persuna wahda indivizibbli b’ mod li l-gudikat ottenut jestendi l-effetti tieghu ghas-socjeta` konvenuta appellata li ma kienetx legalment parti f’ dak il-gudizzju l-iehor u lanqas interveniet jew iddahhlet fil-proceduri b’ mod li dik id-decizjoni l-ohra ghandha titqies guridikament vinkolanti fuqha. Fuq il-konsistenza ta’ l-insenjamenti dottrinali aktar ‘il fuq esposti jista’ jinghad li dak il-gudikat kien ghaliha *res inter alios acta judicata*;

Forsi jista’ jigi objettat illi l-interess ekonomiku tas-socjeta` citata f’ din il-kawza huwa dak l-istess interess patrimonjali tad-ditta konvenuta f’ dik id-decizjoni l-ohra, jew, ukoll, illi fir-realta` l-kontrattazzjoni negozjali avverat mad-ditta u mhux ukoll mas-socjeta` hawn mharrka, Dan, fil-hsieb tal-Qorti, jista’, *tutt’ al piu`* jaghti lok ghal konsiderazzjonijiet ta’ difizi ohra imma mhux ukoll ghall-affermazzjoni ta’ l-eccezzjoni tal-gudikat;

Ma jidherx li huwa inopportun li jigi dejjem imfakkar illi l-*exceptio judicati* hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija *strictissimae interpretationis*. Tant illi, kif jissokta jinghad, b’ citazzjoni minn sentenza tal-**Qorti tal-Kassazzjoni ta’ Palermo (3 ta’ Marzu 1898)**, “*la cosa giudicata deve risultare chiara ed evidente, e non desumersi da argomenti piu` o meno forzati, o da inesattezze affermate dal magistrato con poca ponderazione; e nel dubbio il giudice non deve propendere per la cosa giudicata*”. Ara d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, tal-5

ta’ Novembru 1934 in re: “**Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan *et***”, mil-liema din is-silta hi mehuda. Taghlim dan ri-affermat b’ approvazzjoni fis-sentenza ta’ l-isess Qorti tal-5 ta’ Ottubru, 1992 fil-kawza fl-ismijiet “**Dottor Jose` Herrera *nomine* -vs- Anthony Cassar *et nomine***”;

Fid-dawl ta’ dawn ir-riflessjonijiet is-socjeta` konvenuta ma setghetx tinvoka l-gudikat l-iehor fil-konfront ta’ l-atturi kif hekk anke issa qeghda tippretendi li taghmel bis-sostenn tas-sentenza appellata.

Ghar-ragunijiet kollha premessi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell fis-sens li qeghda tichad l-eccezzjoni tal-gudikat sottomessa mis-socjeta` konvenuta, u, konsegwentement, tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.  Tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti ghal konsiderazzjoni minnha ta’ l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati u tal-mertu tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------